MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 54/2008

**Ogunyemi Kehinde Olusegum u Sandra Wetterich**

***kontra***

**Direttur Registru Pubbliku u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors ta’ Ogunyemi Kehinde Olusegum (ir-rikorrent “Olusegum”) u ta’ Sandra Wetterich (ir-rikorrenti “Watterich”) prezentat fit-28 ta’ Ottubru 2008 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti Kehinde Olusegum Ogunyemi, ta’ nazzjonalita’ Nigerjana, wasal Malta skond il-ligi fid-29 ta’ Frar 2004 biex jitharreg fil-qasam tal-gerjatrija fl-International Institute of Ageing ;*

*2. Illi r-rikorrenti l-ohra Sandra Wetterich, ta' nazzjonalita' Germaniza, ilha tigi Malta mal-genituri taghha minn mindu kellha ghaxar snin u fl-2005 giet ghal kollox f'Malta biex tistudja t-turizmu fl-Universita' ta' Malta u ghadha tistudja hemm sal-lum ;*

*3. Illi f'Awissu tal-2004 iz-zewg rikorrenti ltaqghu u bdew johorgu flimkien u sena wara bdew ighixu flimkien f'appartament l-ewwel il-Qawra u mbaghad Bugibba ;*

*4. Illi r-rikorrenti jixtiequ jizzewgu, jistabilixxu u jibnu familja f'Malta ;*

*5. Illi l-visa tar-rikorrenti Kehinde Olusegum Ogunyemi skadiet fl-2007 u f'April tal-istess sens nghata risposta finali li dina ma gietx imgedda minkejja li dak iz-zmien kien ghaddej b'tahrig fil-qasam tal-kompjuters fil-Computer Domain tal-Mosta*

*6. Illi fl-istess zmien skada lir-rikorrenti Kehinde Olusegum Ogunyemi il-permess tax-xoghol u dan il-permess tax-xoghol rega' ma giex imgedded ;*

*7. Illi fl-2007 ir-rikorrenti marru r-Registru Pubbliku fejn talbu li jibdew it-tnedijiet taz-zwieg pero' l-ufficjali tar-Registru Pubbliku rrifjutaw li jibdew it-tnedijiet minhabba li r-rikorrenti Kehinde Olusegum Ogunyemi ma kellux visa skond il-ligi ;*

*8. Illi ai termini tal-artiklu 43 tal-Verzjoni Konsolidata tat-Trattati dwar l-Unjoni Ewropea, Sandra Wetterich ghandha d-dritt tistabilixxi l-familja taghha hawn Malta u kwindi l-istat ma jistax jimpediha milli tizzewweg lil Kehinde Olusegum Ogunyemi*

*9. Illi d-Direttiva 2004/38 taghti d-dritt lil cittadin ta' pajjiz mhux membru fl-Unjoni Ewropea illi, jekk ikun mizzewweg cittadin membru ta' pajjiz fl-Unjoni Ewropea, jistabilixxi ruhu fl-istat membru li c-cittadin membru ta' pajjiz fl-Unjoni Ewropea tkun jew ikun qed jirrisjedi. Illi bid-decizjoni tad-Direttur intimat, qed issir vjolazzjoni kemm fil-konfront ta' Kehinde Olusegum Ogunyemi u*

*kemm, ta' Sandra Wetterich tad-drittijiet taghhom naxxenti mit-Trattat u d-Direttiva msemmija ;*

*10. Illi l-Artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jippreskrivi illi r-rikorrenti bhala zewg persuni f'Malta ghandhom dritt fundamentali ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari taghhom, liema dritt qed jigi manifestament miksur bir-rifjut tad-Direttur tar-Registru Pubbliku*

*11. Illi l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem jippreskrivi illi kull persuna ghandha dritt ghal rispett tal-privatezza taghha u l-hajja familjari taghha u inoltre l-Artiklu 12 ta' l-istess Konvenzjoni jippreskrivi li kwalunkwe ragel u mara ta' l-eta' mehtiega ghandhom dritt li jizzewgu u jibnu familja skond il-ligijiet tal-pajjiz li jiggvernaw l-esercizzju ta' dan id-dritt, liema drittijit qed jigu manifestament miksura bir-rifjut tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ;*

*Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja s-sejba ta' lezjoni tad-drittijiet u jeddijiet fundamentali kollha jew uhud minnhom skond kif suelenkati mill-atturi, anke fil-kuntest tal-jeddijiet moghtija lill-atturi ai termini tat-Trattat Konsolidat dwar l-Unjoni Ewropea u d-direttiva 2004/38, tghaddi biex taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettieq ghall-protezzjoni tad-drittijiet li taghhom huma intitolati l-atturi skond l-Artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artiklu 8 u Artiklu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.*

**Rat** ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku u l-Avukati Generali ("l-intimati") presentata fis-7 ta' Novembru 2008 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur f'din il-procedura u dan ai termini tal-Artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li hemm*

*intimat iehor li jista' jwiegeb b'mod adegwat ghal-lanjanzi tar-rikorrenti, u stante li mhux qed ikun attakkat xi provvediment ta' ligi.*

*2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qed jattakkaw l-agir tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghaliex qed jirrifjuta li johrog it-tnidijiet taz-zwieg, ir-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju li ma utilizzawx qabel bdew dawn il-proceduri, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tisma' dan il-kaz ai termini tal-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-fatti tal-kaz kif esposti minnhom fir-rikors promotur.*

*4. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet segwenti.*

*5. Illi in kwantu qed ikun allegat ksur tal-Artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jwiegbu li dan l-artiklu mhux enforzabbli, u dan kif jipprovdi l-Artiklu 46 tal-Kostituzzjoni.*

*6. Illi in kwantu qed ikun allegat ksur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li m'hemm l-ebda ksur ta' dan l-artiklu ghaliex :*

*a) huwa dubjuz ferm kemm dan l-artiklu japplika ghall-kaz in kwistjoni peress li r-rikorrenti mhumiex mizzewgin u m'ghandhom l-ebda rabtiet familjari ohra f'Malta.*

*b) minghajr pregudizzju ghal dan l-Artiklu 8 jipprovdi ghall-obbligu tal-istat li jirrispetta l-hajja familjari ta' persuna. Pero' dan l-artiklu ma jaghti l-ebda dritt lil xi persuna li tghix jew li twaqqaf familja f'xi pajjiz partikolari.*

*c) minghajr pregudizzju ghal dan, is-subartiklu (2) tal-Artiklu 8 jaghti dritt lill-Istat li jillimita dan id-dritt minhabba ragunijiet ta' interess nazzjonali. Certament il-hrug ta'*

*permess o meno biex persuna barranija tghix u toqghod f'Malta huwa materja ta' interess nazzjonali.*

*7. Illi in kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li lanqas hawn m'hawn ksur ta' dan id-dritt u dan peress li :*

*a) dan l-artiklu jaghti d-dritt li persuna tizzewweg, u mhux li tizzewweg f'post partikolari. Fil-fatt hadd f'Malta ma qed iwaqqaf lir-rikorrenti milli jizzewgu lil xulxin. Ukoll ma jidher li hemm ebda raguni ghaliex ir-rikorrenti ma jistghux jizzewgu jew fin-Nigerja jew il-Germanja.*

*b) id-dritt imsemmi f'dan l-artiklu irid ikun mhaddem skond il-ligi fejn se jsir iz-zwieg u ghalhekk m'hemm xejn irregolari filli stat partikolari jimponi certi rekwiziti biex ikun jista' jsir zwieg f'dak il-pajjiz.*

*8) Illi rigward l-Artiklu 43 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea msemmi mir-rikorrenti, l-esponenti jissottomettu li dan l-artiklu jipprovdi biss li cittadini tal-Unjoni Ewropea ghandhom dritt imorru joqghodu u jahdmu f'pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropea. Ghalhekk ir-rikorrenti Sandra Wetterich tgawdi dak id-dritt u bl-ebda mod mhi qed tkun imcahhda minnu.*

*9) Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea Numru 2004/38 msemmija mir-rikorrenti ma tapplikax ghal dan il-kaz pererss li r-rikorrent ghadu ma jikkwalifikax fid-definizzjoni ta' "membru tal-familja" skond din id-Direttiva.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom, stante li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom.*

**Rat** il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008 (fol 10) fejn din il-Qorti <u>diversament presjeduta</u> dderigiet lill-

partijiet sabiex iressqu provi u jittrattaw l-ewwel, it-tieni u d-disa' eccezzjonijiet.

**Rat** il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Frar 2009 (fol 21) fejn din il-Qorti kif presjeduta idderigiet lill-partijiet sabiex iressqu provi kemm dwar l-eccezzjonijiet legali kif ukoll dwar il-mertu.

**Gharblet** u qieset il-provi tal-partijiet.

**Semghet** is-sottomissjonijiet bil-fomm li ressaq id-difensur tar-rikorrenti fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2009.

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati prezentata fis-27 ta' Jannar 2010.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat -**

**Il-fatti**

Ir-rikorrent Olusegun twieled in-Nigerja fit-8 ta' Awissu 1975. Huwa cittadin tan-Nigerja (Passaport Nru. A1764664). Dahal Malta regolarment fid-29 ta' Frar 2004 sabiex jitharreg fil-qasam tal-gerjatrija fl-International Institute of Ageing. Ir-rikorrenti Wetterich hija cittadina Germaniza. Fl-2005, giet tirrisjedi Malta ghal kollox biex tistudja t-turizmu fl-Universita' ta' Malta.

Fl-2004 iz-zewg rikorrenti ltaqghu u bdew johorgu flimkien. Fl-2006 bdew ighixu flimkien.

Xtaqu jizzewgu, u jistabilixxu u jibnu familja f'Malta. Huma t-tnejn kienu qed ighixu Malta u l-pjan taghhom kien li jibqghu jirrisjedu Malta.

Ir-rikorrent Olusegun kellu visa li kienet operattiva b'sehh mid-29 ta' Frar 2004. Fit-28 ta' Dicembru 2006, u cioe' meta kienet ghadha valida dik il-visa, ir-rikorrent Olusegun ressaq talba ghall-estensjoni taghha lid-Dipartiment tas-

Citizenship and Expatriate Affairs. Huwa nghata estensjoni sas-7 ta’ Frar 2007. Talab rikonsiderazzjoni izda giet rifjutata.

Ir-rikorrent Olusegun kellu permess biex jahdem ma’ Azzopardi Fisheries validu mill-5 ta’ Dicembru 2005 sa’ April 2007. Huwa talab ghal estensjoni fl-2006 izda t-talba kienet rifjutata.

F’April jew Mejju tal-2007 saret talba biex ir-rikorrenti jizzewgu. Fost id-dokumenti rikjesti mid-Direttur ghall-fini tal-pubblikazzjoni tat-tnedijiet, kien hemm li fil-kaz tar-rikorrent Olusegun kienet mehtiega visa valida. Peress li jirrizulta li ma kellux visa, il-procedura kellha tieqaf hemm tant li ma kienet kompilata l-ebda applikazzjoni. Il-visa kienet kondizzjoni li kellha tkun sodisfatta.

Ghalkemm ir-rikorrent Olusegun kien qed jitharreg fil-qasam tal-kompjuters, l-awtoritajiet ma hargux favur tieghu “student visa”.

L-ahhar estensjoni tal-visa fir-rigward tal-istess Olusegun ghalqet fl-24 ta’ April 2007 u wara dik id-data il-permanenza tieghu f’dawn il-Gzejjer kienet kontra l-ligi tal-pajjiz.

**Ikkunsidrat –**

**<u>L-Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

**<u>Il-*locus standi* tal-Avukat Generali</u>**

**<u>Fl-ewwel eccezzjoni</u>**, qed jinghad li l-Avukat Generali kien imharrek inutilment ghax mhux il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti ladarba id-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa l-Ufficjal tal-Gvern appositament inkarikat skond il-ligi fil-materja *in merito*.

L-ewwel parti tal-<u>Art.181B(1) tal-Kap.12</u> taqra hekk –

*Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*

Issa r-rikorrenti pprocedew b'din l-istanza taghhom ghax jallegaw li meta marru r-Registru Pubbliku sabiex jitolbu li jibdew it-tnedijiet taz-zwieg taghhom l-ufficjali tar-Registru Pubbliku rrifjutaw li jibdew it-tnedijiet billi r-rikorrent Olesegun ma kellux visa skond il-ligi. Huma qiesu dak ir-rifjut bhala ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom. Ladarba l-istanza taghhom skaturiet bhala konsegwenza ta' dak ir-rifjut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku (mhux l-Avukat Generali) huwa l-legittimu kontradittur.

Dan qed jinghad ukoll anke fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-Art.181(2) tal-Kap.12 li jaqra hekk -

*L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigi diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Ghar-ragunijiet diga' moghtija, dak tal-lum certament mhux kaz li jaqa' taht l-Art.181(2) tal-Kap.12 u ghalhekk din tal-lum mhix azzjoni li taghmel necessarju li l-Avukat Generali jkun parti fil-kawza.

Fejn jirrizulta (bhal fil-kaz tal-lum) li hemm kap ta' dipartiment tal-gvern inkarigat mill-materja, l-uniku obbligu tar-rikorrenti huwa li jinnotifika wkoll (mhux li jharrek) lill-Avukat Generali bir-rikors ghall-fini tal-Art.181(3) tal-Kap.12.

**Ghalhekk tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari u tillibera lill-intimat Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju**.

**L-esawriment tar-rimedji ordinarji**

**It-tieni eccezzjoni** tal-intimati kienet fis-sens li r-rikorrenti ma setghux jirrikorru ghall-procedura tal-lum billi jekk

tassew gara dak li kien allegat minnhom u cioe' li meta marru r-Registru Pubbliku sabiex jitolbu li jibdew it-tnedijiet taz-zwieg taghhom l-ufficjali tar-Registru Pubbliku rrifjutaw li jibdew it-tnedijiet billi r-rikorrent Olesegun ma kellux visa skond il-ligi, allura huma setghu rrikorrew ghall-procedura skond l-Art.8 tal-Kap.255, u fin-nuqqas ghar-rimedju generali tal-Art.469A tal-Kap.12.

**Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-Art 8(1) jaqra hekk –

*Jekk ir-Registratur ikun tal-fehma li ma jistax ighaddi ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet jew li hu ma jkunx jista' johrog certifikat ta' dik il-pubblikazzjoni hu ghandu javza lill-persuni li jitolbu l-pubblikazzjoni li hu ma jkunx jista' jaghmel hekk, u jaghti r-ragunijiet ghaliex.*

L-Art.8(2) jaqra hekk –

*F'kull kaz bhal dan, kull wahda mill-persuni li tkun ser tizzewweg tista' taghmel rikors fil-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni volontarja sabiex jinghata ordni lir-Registratur biex jippubblika t-tnidijiet jew biex johrog certifikat tal-pubblikazzjoni taghhom, skond il-kaz, u l-qorti tista', wara li tkun semghet lir-rikorrent u lir-Registratur, taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, u r-Registratur ghandu jimxi skond kull ordni bhal dak.*

Din il-Qorti tghid li r-rikorrenti ma setghux jirrikorru ghal din il-procedura ghaliex irrizulta bhala fatt mhux kontradett li kif appena r-rikorrenti ndagaw mal-ufficjali tar-Registru Pubbliku jekk fic-cirkostanzi taghhom huma setghux jipprocedu ghat-tnedijiet taz-zwieg fil-gurisdizzjoni ta' Malta kienet invokata fil-pront u bhala pregudizzjali l-kwistjoni tal-visa tar-rikorrent Olesegun tant li l-ufficjali koncernati ma marrux oltre. Ghaldaqstant ma kien hemm xejn x'setghu jirrikorru r-rikorrenti ghall-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja f'dawk ic-cirkostanzi una volta aktar milli semplici rifjut ta' pubblikazzjoni ta' tnedijiet fuq teknikalita' li allura setghet tkun riferuta lill-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja, il-kwistjoni kienet profondament

ta' sostanza li ma kenitx taqa' fil-kompetenza ta' dik il-qorti.

Ghalhekk ghall-fini tal-eccezzjoni taghhom l-intimati ma jistghux jinvokaw id-disposizzjonijiet tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Art.469A tal-Kap.12**

L-intimati jghidu wkoll li fil-kaz li l-kwistjoni ma kenitx tinkwadra ruhha taht il-Kap.255, allura r-rikorrenti kellhom rimedju taht l-Art. 469A tal-Kap. 12 sabiex jimpunjaw id-decizjoni tar-Registratur.

In linea generali, rikors kostituzzjonali huwa, min-natura tieghu, specjali u straordinarju, u meta s-sistema ordinarja ta' *redress* tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel l-individwu jakkuza lill-Gvern, jew l-amministrazzjoni pubblika, bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikun provdut u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal lanjanzi tieghu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti [PA/TM] tat-18 ta' Mejju 2006 fil-kawza **"Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja"**).

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna f'tentattiv sabiex tirrikoncilja l-inciz (1)(a) ta' l-Art. 469A tal-Kap. 12 u ta' l-Art.46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzjoni bazata fuq **l-effettivita' tar-rimedju** fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax jinghata taht l-Art.469A.

Fil-kaz in ezami anke kieku din il-Qorti kellha tghid li r-rikorrenti kellhom rimedju taht l-Art. 469A tal-Kap. 12 sabiex jimpunjaw id-decizjoni tar-Registratur bhala decizjoni amministrattiva hazina, jibqa' l-fatt li r-rikors tal-lum mhux unikament bazat fuq allegata vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni [b'riferenza ghall-fini tal-Art.469A(1)(a)] izda

tinvolvi wkoll drittijiet ohra protetti *anke* mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti mhux biss qed jallegaw tal-Kostituzzjoni izda anke tal-Konvenzjoni oltre allegati vjolazzjonijiet tat-Trattat li bis-sahha tieghu Malta dahlet fl-Unjoni Ewropeja. Il-principju ghandu jkun dejjem li l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili ghandhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku. Ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certu aspetti hu wiehed limitat waqt li r-rimedju Kostituzzjonali b'ebda mod ma jxekkel lill-Qorti fl-ghazla tar-rimedju li jidhrilha xieraq li l-Qorti ghandha takkorda.

Konsegwentement ir-rimedju **effettiv** li kellhom ir-rikorrenti kien propju l-procedura tal-lum.

**Ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni preliminari.**

**Ikkunsidrat –**

**Il-Mertu**

**Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta**

A tenur tal-**Art.7(5)** –

*Talba ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet ma tigix milqugha jekk ma tigix konsenjata lir-Registratur aktar kmieni minn sitt gimghat qabel id-data mahsuba ghaz-zwieg, jew minn dak iz-zmien aqsar li r-Registratur jista' fid-diskrezzjoni tieghu jaccetta f'cirkostanzi specjali, u jekk u sakemm,* ***barra mit-taghrif l-iehor kollu rilevanti****, ma jigux konsenjati lir-Registratur -*

*(a) certifikat tat-twelid ta' kull walda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu ;*

*(b) dikjarazzjoni bil-gurament maghmula w iffirmata minn kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu li tghid li*

*skond skond l-a]jar taghrif u twemmin taghha, ma hemm ebda impediment legali ghaz-zwieg jew xi raguni ohra legittima ghaliex ma ghandux isir iz-zwieg ...*

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tqis bhala **legittima** t-talba tar-Registratur ghall-prova tal-visa fil-kaz tar-rikorrent Olesegun ghax din tikkwalifika bhala *taghrif l-iehor rilevanti* ladarba dak ir-rikorrent ma kienx cittadin ta' pajjiz membru tal-UE jew ta' xi pajjiz iehor fejn l-UE ghandha trattati dwar *free movement of persons*. Ir-rikorrent kien *third country national* u ghalhekk sabiex jidhol u jibqa' Malta kien jehtieg visa. Bir-ragun, ir-Registratur kellu kull dritt jitlob li qabel ir-rikorrent Olesegun ighaddi ghal zwieg kontratt skond il-ligijiet ta' Malta kellha tigi accertata r-regolarita' tal-presenza tieghu fil-pajjiz.

**Ikkunsidrat –**

**Il-Kostituzzjoni ta' Malta**

Ir-rikorrenti jsostnu –

*Illi l-Artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jippreskrivi illi r-rikorrenti bhala zewg persuni f'Malta ghandhom dritt fundamentali ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari taghhom, liema dritt qed jigi manifestament miksur bir-rifjut tad-Direttur tar-Registru Pubbliku*

L-intimati wiegbu –

*Illi in kwantu qed ikun allegat ksur tal-Artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jwiegbu li dan l-artiklu mhux enforzabbli, u dan kif jipprovdi l-Artiklu 46 tal-Kostituzzjoni.*

L-intimati ma ghandhomx ragun dwar dan il-punt.
Huwa minnu li l-Kostituzzjoni ta' Malta ma tinkludix id-dritt ghaz-zwieg u li tifforma familja fil-Kapitolu 4 li specifikament jindika dawk id-drittijiet fundamentali tal-individwu li jimmeritaw harsien effettiv quddiem il-Qrati. Mill-banda l-ohra, dak id-dritt huwa inkorporat fl-Art.12 tal-

Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li saret parti mil-ligi taghna bis-sahha tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk dak id-dritt illum huwa enforzabbli mill-Qrati taghna.

**Ikkunsidrat -**

**<u>Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**
(Il-Konvenzjoni Ewropeja)

F'pag.230 tal-ktieb **<u>"When Judges Dissent – Separate Opinions of Judge Giovanni Bonello</u>** **<u>at the European Court of Human Rights"</u>** – jinghad illi :

*" The principle constantly reiterated by the Court is that the Convention is a living instrument which must be interpreted in the light of present-day conditions, that its intention is to guarantee rights that are not theoretical or iollusory, but practical and effective and in accordance with the "principle that the applicant should as far as possible be put in the position he would have been in had the requirements of the Convention not been disregarded ".*

**<u>L-Art.8 tal-Konvenzjoni</u>**

Ghall-mod kif id-Direttur ittratta t-talba taghhom, ir-rikorrenti qed jallegaw ksur tal-<u>Art.8 tal-Konvenzjoni Ewropeja</u> li jaqra hekk –

*1. Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*2. Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt flief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interess tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni hjew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.*

Ghal din il-pretensjoni, l-intimati wiegbu billi sostnew li ma kienx ksur tal-Art.8 ghaliex –

*a) huwa dubjuz ferm kemm dan l-artiklu japplika ghall-kaz in kwistjoni peress li r-rikorrenti mhumiex mizzewgin u m'ghandhom l-ebda rabtiet familjari ohra f'Malta.*

*b) … dan l-artiklu ma jaghti l-ebda dritt lil xi persuna li tghix jew li twaqqaf familja f'xi pajjiz partikolari.*

*c) … is-subartiklu (2) tal-Artiklu 8 jaghti dritt lill-Istat li jillimita dan id-dritt minhabba ragunijiet ta' interess nazzjonali. Certament il-hrug ta' permess o meno biex persuna barranija tghix u toqghod f'Malta huwa materja ta' interess nazzjonali.*

L-Art.8 tal-Konvenzjoni, filwaqt li jenuncja bhala dritt fundamentali d-dritt ta' kulhadd ghar-rispett tal-hajja familjari tieghu u jimpedixxi indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizju ta' dan id-dritt, fis-sub inciz [2] tieghu jikkontempla dawk il-kazijiet permessi mill-istess Konvenzjoni, li jirrendu legali u lecitu indhil mill-Istat b'deroga ta' dan id-dritt fundamentali.

Il-kwistjoni dwar l-ezistenza o meno ta' hajja familjari hija wahda ta' fatt. Fl-esercizju tad-determinazzjoni ta' dan l-istat ta' fatt, bhala presuppost ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 8, il-Qorti Ewropea adoperat nozzjoni ta' "familja" aktar wiesgha mis-sinifikat ordinarju taghha. Il-kuncett tal-familja mhux necessarjament jirreferi ghal familja tradizzjonali, izda jinkludi zewg persuni, ragel u mara, li bi hsiebhom jizzewwgu jew li jikkoabitaw flimkien ghal zmien konsiderevoli (**Abdulaziz et vs United Kingdom - 28 ta' Mejju 1985**). Ghandha tigi kunsidrata s-sitwazzjoni fir-realta' taghha milli fil-legalita' taghha.

Eppure ghal din il-Qorti, fil-kaz tal-lum, ma hemmx prova sodisfacjenti, piz li kien jispetta lir-rikorrenti, li bejniethom kienet kostitwita familja anke fit-tifsira wiesgha taghha.

L-awturi **Janis, Kay & Bradley** fil-ktieb ***European Human Rights Law – Text and Materials*** (Third Edition – 2008 – Oxford University Press) pag. 407-408 ighidu hekk -

*Infringements of art 8 rights are permitted when necessarey to protect important state interests. In such cases therefore a state may rely on a sufficient threat to the safety and economic welfare of its citizens.* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs United Kingdom*** *28.5.1985 EHRR 471 confirmed principle that it is well established international law that a state has the right to control the entruy of non-nationals into its territory. The resulting question is whether in the factual circumstances of each case the state had struck a fair balance between the relevant interests. In that case the court held that the refusal of the UK to allow the husbands of legally settled women to join them did not itself violate art 8.*

Dan it-test huwa rilevanti ferm ghall-kaz tal-lum. Il-permanenza taz-zewg rikorrenti gewwa Malta relattivament mhix twila. Ir-rikorrenti mhumiex impeduti milli jezercitaw id-dritt skond l-Art.8 li jallegaw li kienu privati minnu f'Malta fil-pajjizi minn fejn ir-rikorrenti joriginaw. In partikolari fil-Germanja, irrizulta li r-rikorrenti Wetterich ghandha l-genituri u l-qraba taghha u sahansitra r-rikorrent Olusegum mar izurhom bla xkiel jew diffikulta' ta' xejn hekk kif beda jiffrekwenta lir-rikorrenti Wetterich f'Malta. Ghal kuntrarju, almenu mill-provi, ma rrizultax li f'Malta kellhom qraba jirrisjedu hemm.

Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2007 fil-kawza "**Dickson vs UK",** il-Qorti Ewropeja qalet hekk – *The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities …*

In linea ta' principju, l-Istat mhux biss m'ghandux jindahal fil-hajja privata dejjem fil-parametri stabbiliti bl-istess Art.8 izda ghandu "*positive obligations inherent in an effective respect for private and family life*". Pero' fil-kaz "**Tysiac vs Poland"** ta' l-24 ta' Settembru 2007, il-Qorti Ewropeja ghamlitha cara li kull interferenza mill-Istat tkun gustifikata

jekk tinkwadra fit-tieni paragrafu tal-Art.8. Kull Stat ghandu dritt li jikkontrolla d-dhul, ir-residenza u t-tkeccija tal-persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu (**Moustaquim vs Belgium**, 1991).

Naturalment dan id-dritt ta' l-Istat irid jittiehed fid-dawl tal-hajja privata. Ghalhekk wiehed irid jara jekk tezistix hajja familjari li tisthoqq l-protezzjoni u jekk l-interferenza hix gustifikata (ara **Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et**, deciza fl-4 ta' Ottubu 2004).

L-awturi **DJ Harris, M O'Boyle u C Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights**, pagna 313, josservaw illi: -

"*It should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life : it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction*".

Fil-kaz diga citat ta', il-Qorti Ewropeja rriteniet illi l-Art. 8 ma jipprotegix id-dritt ta' individwu li joqghod fi Stat partikolari -

*"The duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending a general obligation on the part of a contracting state to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country".*

Ghalhekk l-Art. 8 ma jaghti *per se* ebda dritt li persuna li tirrisjedi f'post flok post iehor.

Fi kliem Karen Reid (***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** 2004, Sweet & Maxwell, London) b'riferenza ghas-sentenza "**Abdulaziz et vs UK"** tghid hekk -

*There is no general obligation on a Contracting State to respect the choice of married couples as to the country of matrimonial residence ;*

*States enjoy a wide margin of appreciation ;*

*Since in Abdulaziz there were no obstacles or special reasons and the couples were aware of their problematic immigration status at the time of the marriage, no violation of Art. 8 was found. It remains to be seen what relevance would or should be given to a situation where an applicant married in circumstances where neither spouse knew the problems of immigration status. Arguably, they would have to give a convincing explanation for ignorance of a potential problem. It is not obvious however that expectations at the time of marriage could ever play a significant role in finding a violation.*

Fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti tghid li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw ghas-sodisfazzjon taghha u skond il-ligi li huma kellhom *a long and well established family life* gewwa Malta. Anzi din il-Qorti trid tghid li l-provi li ressqu kienu skarni, u karenti ghall-ahhar, minghajr l-icken korraborazzjoni reali ta' provi oggettivi u ndipendenti.

Ghall-fini komparattiv, din il-Qorti tghid li anke fejn twieldu tfal, in linea generali, kienet adoperata kawtela.

Fil-kawza fl-ismijiet **Tarek Mohammed Ibrahim vs Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u ta' l-Intern et** tat-28 ta' Frar 2007, din il-Qorti qalet hekk -

*"Il-fatt li r-rikorrent kellu tifla minn relazzjoni extra-konjugali ma' mara Bulgara b'ebda mod ma jwassal ghal xi dritt tar-rikorrenti biex hu jakkwista c-cittadinanza Maltija. Family life kif stabbilita fl-artikolu 8 ma tigix bazata fuq il-fatt li bniedem ikollu tarbija u ma jintitolahx ghal dritt ta' cittadinanza. Il-fatt li huwa jghix ma' mara Bulgara f'Malta u kellu tifla minnha certament ma jwassalx ghad-dritt tac-cittadinanza bazat fuq hajja familjari. Jista' wkoll jistabbilixxi l-family life tieghu f'pajjiz iehor. Ara f'dan irrigward **Samir El Yeferni v L-Onor. Prim Ministru et** deciza mill-Onor. Qorti Civili (Sede kostituzzjonali) fit-28 ta' Gunju 2005."*

Ukoll inghad minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju 2001 fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Choubene vs Kummissarju tal-Pulizija**-

*"Illi l-iskop tal-artikolu 8 tal-Kap 319 huwa l-protezzjoni tal-individwu minn azzjoni arbitrarja tal-awtoritajiet pubblici – "**Gul vs Switzerland**" 19/2/96.*

*Tarbija mwielda fi zwieg hija 'ipso jure' parti minn dik ir-relazzjoni u mill-mument tat-twelid tezisti rabta bejnu w lgenituri tieghu li jammontaw ghar-rabta ta' "family life" – ara **Berrehab vs Netherlands** 21/6/88, u **Hokkanen vs Finland** 23/9/94 ...*

*L-artikolu 8 ma jistax jigi interpretat b'mod li jaghti lill-koppji mizzewga d-dritt fuq xi Stat fejn kien hemm residenza matrimonjali b'mod li jkun hemm id-dritt tal-unjoni tal-familja fit-territorju ta' dak l-istat [**Gul vs Switzerland**]. Dan hu wkoll dipendenti fuq it-tip ta' permess li rikorrent jkollu biex joqghod f'pajjiz – e.g. residence permit on humanitarian grounds, temporary permit."*

Kull kaz jew sitwazzjoni ghandha l-istorja taghha u s-sintesi tal-principji applikati fil-gurisprudenza taghna u tal-Qorti Ewropeja hija ntiza sabiex tistabilixxi bilanc bejn id-drittijiet tal-Istat u dawk tal-individwu.

Din il-Qorti tqis li jezisti kemm id-dritt ghal hekk imsejha *family life*, kif ukoll id-dritt ta' l-Istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta' nies li mhumiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu ga` fit-territorju tieghu. Mhux kull interferenza tal-*family life* da parti ta' l-Istat hija vjetata ghaliex jista' jissussistu cirkostanzi fejn tali interferenza tkun permissibbli.

Fil-kaz tal-lum, ma tirrizultax l-icken sembjanza ta' prova (piz li kienet tispetta lir-rikorrenti) li bejn ir-rikorrenti kien hemm xi *"family life*", jew li r-rikorrenti stabbilew ruhhom tant fil-kommunita` Maltija li wiehed jista' jghid li hemm il-kuncett aktar wiesa' ta' "private life" li jista', possibilment,

ikun hemm interferenza mieghu jekk huwa, xi darba, ma jinghatax visa.

Ghalhekk din il-Qorti tghid b'certezza morali li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Art.8.

**Ikkunsidrat -**

**L-Art.12 tal-Konvenzjoni**

Ghall-mod kif id-Direttur ittratta t-talba taghhom, ir-rikorrenti qed jallegaw wkoll ksur tal-Art.12 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jaqra hekk –

*L-irgiel u n-nisa ta' età ta' zwieg ghandhom id-dritt li jizzewgu u li jkollhom familja, skond il-ligijiet nazzjonali li jirregolaw l-esercizzju ta' dan id-dritt.*

Ghal din il-pretensjoni, l-intimati wiegbu billi sostnew li ma kienx ksur tal-Art.12 ghaliex –

*a) dan l-artiklu jaghti d-dritt li persuna tizzewweg, u mhux li tizzewweg f'post partikolari. Fil-fatt hadd f'Malta ma qed iwaqqaf lir-rikorrenti milli jizzewgu lil xulxin. Ukoll ma jidher li hemm ebda raguni ghaliex ir-rikorrenti ma jistghux jizzewgu jew fin-Nigerja jew il-Germanja.*

*b) id-dritt imsemmi f'dan l-artiklu irid ikun mhaddem skond il-ligi fejn se jsir iz-zwieg u ghalhekk m'hemm xejn irregolari filli stat partikolari jimponi certi rekwiziti biex ikun jista' jsir zwieg f'dak il-pajjiz.*

L-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (Oxford University Press - Second Edition – 2009) pag.550 ighidu hekk –

*Article 12 guarantees the right to marry and to found a family 'according to the national laws governing the exercise of this right'. This qualificatory wording is of a quite different kind from that in Art 8-11. While it does provide a wider margin of appreciation to States, the*

*words are not to be read literally for that would deprive Article 12 of all meaning at the international level. National laws must satisfy a European standard as to the meaning of a law amd must not restrict or reduce the right in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. This interpretaion is bolstered by the words governing the exercise of this right which indicate that the national laws may regulate but not prohibit or exclude the right altogether … It is for the national law to regulate such matters as form and capacity to marry but any procedural or substantive limitations that are adopted must not remove the very essence of the right.*

Fil-kaz tal-lum, bil-fatt li r-Registratur talab il-prova ta' visa valida fil-kaz tar-rikorrent Olesegun ladarba kien *third party national* ma jfissirx li *the very essence of the right is being impaired.* Fi kliem aktar car, li kieku dak ir-rikorrent kellu visa valida, it-talba tieghu kienet tinghata konsiderazzjoni dment li l-kriterji jew kondizzjonijiet l-ohra kienu jkunu osservati.

F'pag. 552 tal-istess ktieb ikompli jinghad hekk –

*The right to marry does not in principle include the right to choose the geographic location of the marriage (Savoia and Bounegru vs Italy No.8407/05 (2006 DA). Accordingly a state is not obliged to admit an alien fiance to its territory, or to allow him or her to remain in its territory so that a marriage may be celebrated there at least where the couple are able to marry elsewhere. By implication there may be an exception where one of the intended spouses is a national of the state concerned and the marriage may not be contracted elsewhere. Similarly Art 12 does not require a state to admit an alien married to one of its nationals to enter or remain on its territory to establish or live in the maritial home and found a family there …*

Fil-kaz taz-zewg rikorrenti, ma tressqet l-ebda prova li z-zwieg taghhom kellu bilfors jigi celebrat f'Malta fejn it-tnejn kienu jinsabu (wiehed minnhom illegalment) ghaliex ma

setax jigi celebrat fil-pajjiz tan-nazzjonalita' taghhom jew addirittura f'xi pajjiz iehor terz.

L-awturi **van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwakk** fil-ktieb ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** – Fourth Edition – 2006 - Intersentia – pag. 844 ighidu hekk:

*Formalities required by national law for getting married are as a rule accepted as justified but they may not … be applied in a discriminatory way.*

F'pag. 857 l-awturi van Dijk et jghidu hekk dwar sitwazzjoni li tapplika ghall-kaz tal-lum –

*It is recognised in case law that from Art 12 restrictions may ensue for the authorities of the Contracting States of their power of deportation or extradition and their power to refuse aliens access to their territory. As regards the right to marry, however art 12 can be invoked successfully only against an imminent measure of deportation or extradition or against a refusal of access if the person in question can make it sufficiently plausible that he or she has concrete plans to marry and cannot reasonably be expecetd to realise those plans outside the country concerned (Appl 7175/75 X vs FRG, D & R 6 1977 p.138 (140) And with regards to the right to found a family just as in the acse of art 8 the Commission adopted the view that deportation, extradition and refusal of access to the territory of the state do not constitute a violation of art 12 if the partner is in a position to follow the person concerned to the country of deportation or extradition or to the country of the latter's residence or any other country and if this may reasonably be required by the former (applicant knew when she married that her husband did not have a residence permit).*

Anke fl-isfond tal-premess, il-karenza ta' provi da parti tar-rikorrenti kienet cara u inekwivoka.

Ghalhekk din il-Qorti tghid b'certezza morali li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Art.12.

**Ikkunsidrat -**

**<u>It-Trattati tal-Unjoni Ewropeja</u>**

Skond ir-rikorrenti –

*... l-artiklu 43 tal-Verzjoni Konsolidata tat-Trattati dwar l-Unjoni Ewropea, Sandra Wetterich ghandha d-dritt tistabilixxi l-familja taghha hawn Malta u kwindi l-istat ma jistax jimpediha milli tizzewweg lil Kehinde Olusegum Ogunyemi*

L-intimati wiegbu -

*... dan l-artiklu jipprovdi biss li cittadini tal-Unjoni Ewropea ghandhom dritt imorru joqghodu u jahdmu f'pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropea. Ghalhekk ir-rikorrenti Sandra Wetterich tgawdi dak id-dritt u bl-ebda mod mhi qed tkun imcahhda minnu.*

Wara li qieset l-argumenti nvoluti, din il-Qorti ma tarax li d-drittijiet ta' r-rikorrenti Wetterich bhala cittadini tal-UE u allura mharsa anke f'Malta kienu vjolati bid-decizjoni tar-Registratur.

**Ikkunsidrat –**

**<u>Directive 2004/38/EC</u> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004** *on the right of citizens of the Union and their family members to move and reside freely within the territory of the Member States*

Skond ir-rikorrenti –

*… Direttiva 2004/38 taghti d-dritt lil cittadin ta' pajjiz mhux membru fl-Unjoni Ewropea illi, jekk ikun mizzewweg cittadin membru ta' pajjiz fl-Unjoni Ewropea, jistabilixxi ruhu fl-istat membru li c-cittadin membru ta' pajjiz fl-Unjoni Ewropea tkun jew ikun qed jirrisjedi. Illi bid-decizjoni tad-*

*Direttur intimat, qed issir vjolazzjoni kemm fil-konfront ta' Kehinde Olusegum Ogunyemi u kemm, ta' Sandra Wetterich tad-drittijiet taghhom naxxenti mit-Trattat u d-Direttiva msemmija.*

L-intimati wiegbu li d-Direttiva 2004/2008 –

*... ma tapplikax ghal dan il-kaz peress li r-rikorrent ghadu ma jikkwalifikax fid-definizzjoni ta' "membru tal-familja" skond din id-Direttiva.*

<u>L-intimati ghandhom ragun</u> –

Veru li *Citizenship of the Union confers on every citizen of the Union a primary and individual right to move and reside freely within the territory of the Member States, subject to the limitations and conditions laid down in the Treaty and to the measures adopted to give it effect.*

Veru li *the right of all Union citizens to move and reside freely within the territory of the Member States should, if it is to be exercised under objective conditions of freedom and dignity, be*
*also granted to their family members, irrespective of nationality.*

Meta mbaghad issir analizi tad-definizzjoni ta' *family member* kif tirrizulta fir-Direttiva, issib li "*family member*" means -

*(a) the spouse ;*

*(b) the partner with whom the Union citizen has contracted a registered partnership, on the basis of the legislation of a Member State, if the legislation of the host Member State treats registered partnerships as equivalent to marriage and in accordance with the conditions laid down in the relevant legislation of the host Member State ;*

*(c) the direct descendants who are under the age of 21 or are dependants and those of the spouse or partner as defined in point (b);*

*(d) the dependent direct relatives in the ascending line and those of the spouse or partner as defined in point (b);*

Issa r-rikorrent Olesegun ma jikkwalifikax taht din id-definizzjoni u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw dik id-disposizzjonijiet ta’ dik id-Direttiva ghall-posizzjoni taghhom.

Ghalkemm il-premessi d-Direttiva tittratta l-kwistjoni ta’ persuni *who are not included in the definition of family* members *under this Directive, and who therefore do not enjoy an automatic right of entry and residence in the host Member State*, jinghad ukoll li huwa *the host Member State on the basis of its own national legislation* li jrid jiddeciedi *whether entry and residence could be granted to such persons, taking into consideration their relationship with the Union citizen or any other circumstances, such as their financial or physical dependence on the Union citizen*.

Kif diga’ rajna, dawn il-konsiderazzjonijiet saru mill-awtoritajiet Maltin u fil-kriterji adottati minnhom ma hemm l-ebda pregudizzju fil-konfront tar-rikorrent Olusegum.

**Ikkunsidrat –**

Wara l-gheluq tal-istadju tal-gbir tal-provi tal-partijiet, ir-rikorrenti bbazaw is-sottomissjonijiet finali taghhom fuq l-opinjoni tal-Ombudsman fil-kaz Nru. 12 ta’ Awissu 2009 (fol 86 sa 95).

Fis-sottomissjonijiet bil-miktub li ressqu l-intimati, huma taw r-ragunijiet taghhom ghala din il-Qorti m’ghandhiex toqghod fuq dak li rrakkomanda l-Ombudsman.

Anke fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi, din il-Qorti taqbel mal-intimati.

<u>In linea ta’ principju</u>, ir-rwol tal-Ombudsman huwa delineat bid-disposizzjonijiet tal-Kap.385 tal-Ligijiet ta’ Malta. Art.13 ighid li *tkun il-funzjoni ta’ l-Ombudsman li <u>jinvestiga</u>*

*kull azzjoni li ssir minn jew f'isem il-Gvern, jew awtorità, korp jew persuna ohra li ghalihom japplika dan l-Att, li tkun azzjoni li ssir fit-twettiq tal-funzjonijiet amministrattivi taghhom*. Mela l-funzjoni tieghu la hija gudizzjarja u lanqas quasi-gudizzjarja.

Konkluza l-investigazzjoni tieghu, l-Ombudsman jaghmel rakkomandazzjoni fit-termini tal-Art.22 tal-Kap.385. Ghandu jinghad li ghalkemm dik ir-rakkomandazzjoni ghandha piz qawwi, li tista' titwassal anke lill-Parlament, mhix *per se* vinkolanti fuq il-Gvern, awtorita', korp jew persuna ohra li japplika ghalihom il-Kap.385.

Issa huwa evidenti li l-iskop tar-rikorrenti li jirreferu ghal dik ir-rakkomandazzjoni ma kienx sabiex din il-Qorti taghmel taghha dik ir-rakkomandazzjoni izda li juzaw l-argumenti li gab l-Ombudsman f'dak il-kaz u jressquhom bhala argumenti favur taghhom fil-kaz tal-lum.

Din il-Qorti tghid li r-ragunijiet moghtija mill-Ombudsman mhumiex applikabbli ghall-kaz tal-lum propju ghaliex il-fattispece kienu ghal kollox differenti. Hemm l-ilment li skaturixxa l-investigazzjoni kien –

*Refusal by the Marriage Registrar of applications for the publication of banns lodged by 'rejected' persons and the consequential denial of the fundamental right to marry.*

Hemm it-tema centrali kienet persuni *whose applications for refugee status are rejected.* Dak tal-lum huwa kaz ta' persuna u cioe' r-rikorrent Olesegun li dahal fil-pajjiz b'visa valida ghal zmien limitat, liema visa kienet estiza ghal zmien limitat, li nonostante li ghalaq iz-zmien, baqa' joqghod Malta llegalment, u li meta hekk qed ighix Malta ghamel talba biex jizzewweg lir-rikorrenti l-ohra, cittadina tal-UE, anke ghaliex biex forsi jipprova jirregolarizza l-posizzjoni tieghu.

Apparti li l-fatt li r-rikorrent ma kienx *rejected person*, il-kaz tar-rikorrenti ma kienx jinkwadra f'mank wiehed mill-hames kazi elenkati fil-paragrafu 1 ta' *Facts of the Case*.

Mela ghal din il-Qorti l-opinjonijiet espressi mill-Ombudsman, anke mill-punto di vista generali, ma jistghux jigu estizi ghall-fattisepece tal-kaz tal-lum.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Minhabba n-natura tal-kaz, in partikolari l-punti ta' ligi li kienu nvoluti, tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------